MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 628/2004

**Martin u Alexandra konjugi Vella**
**vs**
**GasanMamo Insurance Ltd**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Marzu, 2004, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tletin lira Maltin (Lm530.00), rapprezentanti danni illi l-atturi sofrew f'sistema tal-computer taghhom u dana wara « power surge ». Illi is-socjeta` konvenuta qieghda tonqos milli thallas lill-atturi bhala assikurati ta' l-istess socjeta` ghad-danni illi huma sofrew kif inghad u dana minkejja illi l-istess socjeta` konvenuta kienet interpellata ghall-hlas ;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 28 ta' Jannar, 2004, bl-imghax mid-data tan-notifika ta' dana l-att sa l-eventwali pagament u b'hekk is-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata fid-19 ta' April, 2004 fejn intqal :**
**i. Illi preliminarjament l-atturi jridu jipprovaw l-interess guridiku taghhom fil-konfront tal-apparat in kwistjoni ;**
**ii. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u fil-fatt l-atturi jridu jgibu l-prova li verament sofrew id-danni minnhom mitluba u dan billi minn indagini li ghamlu l-eccipjenti rrizulta li l-apparat li thalla mal-eccipjenti ma kellux it-tip ta' hsara li hi koperta mill-polza hlief ghall-power supply u monitor li ghalihom l-eccipjenti kien offra li jhallas il-kumpens u ghal liema offerta ma kienx hemm risposta u ghalhekk l-eccipjenti m'ghandhomx ibaghtu l-ispejjez.**
**iii. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja u fil-mertu finalment f'kaz li jirrizulta li l-eccipjenti ghandu jhallas ghall-kumpens tal-apparat, l-ammont mitlub huwa esagerat.**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Martin Vella, Kurt Caruana, Keith Spiteri, Christopher Borg, Patrick Vella u George Portelli. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Il-kawza qed issir ghal danni allegatament kagunati f'sistema ta' computer wara « power surge ». Peress li l-atturi kienu assikuraw il-computer, il-kawza qed issir kontra s-socjeta` assikuratrici.**
**2. Is-socjeta` konvenuta qed teccepixxi li l-atturi jridu jippruvaw l-interess guridiku, u qed tghid li l-hsara li kellu ma kienetx koperta mill-polza ta' assigurazzjoni. Qed jinghad ukoll li l-ammont mitlub huwa esagerat.**
**3. Dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata, huwa minnu li l-operating system dehret f'isem certa Marlene Micallef. L-attur fir-rigward jikkonferma li lill-imsemmija Micallef ma jafhiex u lanqas ma kien hemm hadd b'dan l-isem li uzat il-computer imsemmi. Inoltre Christopher Borg, inginier, xehed hekk : »When I checked the hard disk it was the**

**original hard disk which was sold to Mr. Vella originally. It is a practice to clone data over the existing hard drive to test it. »It-Tribunal iqies li din hi spjegazzjoni logika l-ghala il-hard drive deher registrat fuq isem li ma kienx tal-atturi. Ghalhekk ma hemmx lok li tigi akkolta l-ewwel eccezzjoni sollevata.**

**4. L-attur kien xtara l-computer in kwistjoni f'Jannar, 2003, Dok.MV3, u ftit wara gratlu l-hsara. Hu ghalhekk kien hadu ghand l-IT Group peress li kien ghadu bil-garanzija, u dawn qalulu li dak li gara kien rizultat ta'** ***power surge*****.**

**5. Skond Christopher Borg, inginier : « The computer itself was beyond economical repair. The majority of the principal components including CPU, motherboard and hard disk drive were badly damaged. The major damage was caused on the power supply circuit………The monitor was blown as well.»**

**6. Skond ittra, Dok.GM2, datata 6 ta' Jannar, 2004, mibghuta minn Kurt Caruana ghas-socjeta` attrici lill-attur, gie nnutat li l-PSU u l-monitor kienu « beyond economical repair ». pero` dan ma sabx hsara fil-hard disk, video card u mainboard.**

**7. Skond rapport, Dok.GM11, datat 12 ta' Jannar, 2004, maghmul mill-IT Group, kien hemm hsara fil-mainboard, fir-RAM module 1 u 2, fis-CPU, fil-Video Card, fil-hard disk, fil-power supply unit u fil-monitor. Huma kkonstataw li l-hsara kienet dovuta ghal power surge.**

**8. Skond rapport datat 23 ta' Jannar, 2004, Dok.GM12, maghmul minn Patrick Vella ghal Salpa Limited, gie nnutat li l-hard disk kellu bad blocks li kienu hemm qabel ma saret il-claim. Dana wasal ghal konkluzjoni li l-hsara in kwistjoni ma kellhiex x'taqsam ma' power surge.**

**9. George Portelli, system administrator mas-socjeta` konvenuta jghid illi l-affarijiet hadmu kif suppost, hlief ghall-monitor u l-power supply li ma hadmux, u li seghta kien hemm power surge. Huwa nnota li l-memory tal-computer kellha wkoll bicca chip imtajjra, skond ir-rapport tal-IT Group, liema chip tassew kienet imtajjra pero' fil-kantuniera tac-chip.**

**Huwa jirribatti dak li qed jghid L-IT Group billi jghid li kieku kienet rizultat ta' power surge kien itir in-nofs taghha u mhux it-tarf. Ix-xhud innota li kienn hemm problema dwar capacitors li gejjin minn Taiwan li kienu qeghdin jillikjaw u din kienet problema generali.**
**10. Tenut kont ta' dan kollu it-Tribunal qed jikkonkludi li minn imkien ma jirrizulta li l-computer ma kienx kopert ghal-power surge kif allegat mis-socjeta` konvenuta. Jirrizulta pruvat illi kien hemm hsara fis-CPU, il-motherboard, il-monitor u l-power supply. Ghal dawn l-assigurazzjoni trid taghmel tajjeb.**
**11. Dwar li l-ammont mitlub huwa esagerat, It-Tribunal qed jaqbel in kwantu l-video card ma rrizultax li kellha hsara, u din biss tiswa tnejn u erbghin lira (Lm42). Konsegwentement is-socjeta` konvenuta ghandha thallas lill-atturi is-somma ta' erba' mija u tmienja u tmenin lira Maltija (Lm488.00).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjoni sollevata dwar li l-atturi m'ghandhomx interess guridiku, qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' erba' mija u tmienja u tmenin lira Maltija (Lm488.00) u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u tmienja u tmenin lira Maltija (Lm488.00) bl-imghax legali dekoribbli mill-lum sal-eventwali pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-28 ta' Jannar, 2004, ghandhom jigu sofferti unikament mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------